Vol. 2 Ottubru 1978. Num. 1


Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall


# IL-PULIZIJA

## Xewqat tajba lill-Kummissarju



F'messaġġ ġenerali lill-Korp tħabbar li l-Kummissarju, is-Sur J. Cachia ġġeddidlu ż-żmien biex ikompli jmexxi l-Korp tal-Pulizija. Aħna nawguraw lil Kummissarju u nwegħduh li nkomplu naħdmu għalenija biex negħlbu d-diffikultajiet u l-problemi li niltaqgħu magħhom.

## L-ONESTA Minn E.A.

Ħafna drabi smajna u għadna nisimgħu l-kliem onest u onesta — diżonest u diżonesta iżda qatt irriflettajna sewwa xi jfisser dan il-kliem. X'inhi l-onesta? X'għandu jagħmel, jew aħjar x'ma għandux jagħmel il-bniedem biex ikun veru onest.

Onest hu dak li huwa veru sinċier u mhux dak imsejjaħ hekk jew li għandu biss il-fama li hu sinċier. Is-sinċier hu dak li ma jurix wiċċ b'ieħor u ma jagħmel xejn minn wara dar ħadd-ieħor. Dan ma jfissirx li wieħed għandu joqgħod idoqq it-trombi meta jagħmel xi ħaġa biex ikun jaf kulħadd. Iżda meta jdoqq it-trombi għax ikun għamel xi ħaġa għandu jdoqqhom sewwa u mhux jgħid li għamel il-kuntrarju ta d'ak li jkun għamel.

L-onest irid ikun twajjeb. Kulħadd jista' jkun twajjeb hu x'inhu x-xogħol tiegħu. Il-Pulizija mhux inqas minn ħadd-ieħor tista' tkun twajba sakemm wieħed jagħmel xogħolu sewwa. Jista' jkun li ma nidhrux twajba f'għajnejn xi nies, iżda dan ma jfissirx li ma aħniex twajbin. Meta nassistu lil xi ħadd għax ikun korra, hawn dejjem nidhru twajba. Meta nirrappurta wlil xi ħadd għax ikun naqas, hawn nistgħu nidhru żorri — mhux twajba. Iżda dan hu kollu xogħlna u rridu nagħmluh, u ma nistgħu nissejħu onesti jekk ma nagħmlux xogħolna kollu u sewwa.

Jiena nemmen li dak li mhux onest huwa diżonest u m'hemmx triq tan-nofs fl-onesta. Billi wieħed ma jisraqx jew ikun lejali lejn martu ma jistax jgħid li huwa onest. Barra mid-diżonestajiet tas-serq u tas-sess hemm diżonestajiet oħrajn kif se naraw.

Wieħed jista' jkun diżonest fuq ix-xogħol billi jaħdem inqas milli huwa mħallas. Dan ma jsirx biss minn dawk li jiskartaw minn fuq ix-xogħol iżda minn dawk ukoll li jitnikkru bla bżonn jew li ma jagħmlux xogħolhom kif ikun meħtieġ. Huwa wkoll diżonest min ma jħarisx l-interessi tas-Servizz jew ta' l-impriża fejn jaħdem.

Minn naħa l-oħra huwa wkoll diżonest min ma jħarisx l-interessi tal-ħaddiem jew iħallsu inqas milli jmissu jew iħaddmu b'kundizzjonijiet ħżiena.

Min jaħli huwa wkol ldiżonest. Għalkemm ftit huma dawk li jaħlu minn dak li hu tagħhom, iżda hawn min li xejn ma jara bi kbira li jaħli minn dak ta' ħaddieħor kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll bnadi oħra. L-istess jissejjaħ min iberbaq flusu jew flus ħaddieħor fix-xejn jew bla bżonn.

Tkompli P.3

## EDITORJAL

### L-ENTERTAINMENT

Kif ħafna jafu, fix-xahar ta' Awissu l-Association organizzat ballu 'open air' u rapport dwar dak li sar jidher f'paġna 3 ta' dan il-magazin.

Attivita' bħal din, għal xi wħud, tidher li forsi m'hemmx lokha, iżda aħna nemmnu li l-bniedem barra mix-xogħol jeħtieġlu wkoll jiddeverti. Dan ma fih xejn ħażin sakemm ikun moderat. Attivita' bħal din tgħin ukoll biex tinħoloq armonija u iżjed ftehim bejn il-membri tal-Korp u l-familja tagħhom. F'laqgħat bħal dawn kulħadd isir jaf lil xulxin aktar mill-qrib u b'hekk tiżdied il-ħbiberija li ċertament twassal għal iżjed ftehim li hu tant importanti għall-effiċjenza tas-servizz. Għal dawn ir-raġunijiet aħna nemmnu li laqgħat soċjali ta' din ix-xorta għandna bżonnhom fil-Korp.

Iżda fil-waqt li ħafna jifhmu l-importanza ta' dawn il-laqgħat, ftit huma adwk li jafu x'jirrekjedi entertainment bħal dan. L-aktar ħaġa mportanti hija li jkollok nies kapaċi u ħabrieka li jorganizzaw u li jkunu lesti wkol li jagħmlu sagrifiċċji u kultant ikollhom ibatu. Nies bħal dawn ftit issibhom u għaldaqstant ix-xogħol ikollu jinqasam fuq dawk li ssib. Ftit issib nies li lesti mill-ħin liberu tagħhom jaħlu ħin twil jippreparaw u jippjanaw għal-laqgħat soċjal bħal dawn. Meta jirnexxielek tlaqqat erba' jew ħamsa minnies dawn ukoll jitnaqqew u naturalment ix-xogħol fuq dawk li jibqgħu dejjem jikber. Forsi r-raġuni għal dan kollu hija waħda — dan ix-xogħol isir bla ħlas u jrid altru jkun veru dedikat biex bniedem jasal biex jagħmel dan ix-xogħol bla ħlas.

Nittamaw ukoll li b'dan li ntqal nirrispondu għal dak li ntqal dwar l-attivita' soċjali li ħadna ħsieb nagħmlu dan issajf.

Il-Bord Editorjali.

# SERVIS

## Now looks even better












- The new Servis Supertwin looks good even when it's not being used.
- All controls are on the top of the machine, at the back. Out of reach of little hands.
- The Servis Supertwin is fitted with easy-glide castors which make it one of the easiest machines to move.
- The Supertwin also gives you the choice of using the wash water more than once. This makes it remarkably economical because you use less suds, less water, and less electricity to heat it. Start with your whites and work down to your coloureds.
- Servis also gives you added safety in the unique double lid. There's a brake on the outer lid and a catch on the inner one.

**No Twin Tub looks better or washes better than the new Servis Supertwin 108.**

# SERVIS

**makes living easier.**

**See the New Servis Supermatic 108 at:**
**PETRONIS Valletta, Msida, B'Kara & Grech Central Store, Gozo.**
**Sole Agents A & A Petroni**

# MILL-ASSOCIATION

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Awissu 1978 l-Entertainment Committee tal-Association organizza Tombola, Wine and Pizza dance fil-ġnien tal-Argotti, il-Furjana mis-6.30 p.m. sa nofs il-lejl.

Peress li dan il-post jippermetti, il-Kumitat iddeċieda li barra mill-membri tal-Korp ikunu jistgħu jidħlu wkoll mistiedna tal-Pulizija. Din id-darba d-dħul kien bil-biljetti bi ħlas biex jgħin għal ħafna spejjeż ta' dan l-entertainment. Il-biljett serva wkoll biex tingħata pizza u tazza mbid mingħajr ħlas. Is-sistema tal-biljetti kienet suċċess u hemm il-ħsieb li tibqa' tintuża.

Bħas-soltu, il-mużika kienet ipprovduta mill-Jazz Band tal-Pulizija li tat pjaċir lil kull min kien hemm. Inzerta wkoll li sibna palk armat fil-post u dan ta dehra isbaħ lil Jazz Band tagħna.

L-attendenza kienet ta' madwar 550 ruħ u din id-darba ħallejna wkoll lit-tfal jidħlu għar-raġuni kif intqal qabel li l-post jippermetti. Iżda kien hemm min ilmenta dwar dawn it-tfal. Wieħed irid jifhem li meta ddeċidejna li nħallu t-tfal jidħlu ma kellniex f'moħħna li nieħdu ħsiebhom ukoll. Dan imissu ġie minn dawk li ġabuhom. Wieħed irid jifhem ukoll li l-attendenza kienet kbira għaliex setgħu jidħlu t-tfal u ġew dawk in-nies li ma għandhomx ma min iħallu t-tfal.

Kollox ma kollox l-affarijiet marru tajjeb u kien hemm qliegħ ta' madwar £M55 inkluż il-qliegħ tat-tombla. Li tagħmel qliegħ avolja żgħir huwa ta' inkoraġġiment meta wieħed jqis li soltu, b'mod speċjali fil-ballu tal-Milied, ikun hemm dejjem it-telf.

Nixtiequ fl-aħħar nett nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod għenu biex dan il-ballu tas-sajf ikun suċċess.

**AVVIŻ**

F'ċirkolari maħruġa fit-28 ta' Awissu 1978 ġie avżat li l-Ministeru tas-Saħħa se jlaqqam lil dawk li jridu jitlaqqmu kontra l-influenza fosthom membri tal-Korp tal-Pulizija. Dawk interessati għandhom jiksbu aktar informazzjoni mill-uffiċini tal-Pulizija tad-distretti.

**MOTOR VEHICLES REGULATIONS**

Nixtiequ navżaw lil dawk li xtraw il-Motor Vehicles Regulations li ppubblikat l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li ħarġu l-ewwel emendi u wieħed jista' jakkwista kopja **mingħajr ħlas** mill-Uffiċċju tal-Association. Dawn l-emendi se jibqgħu joħorġu minn żmien għal żmien.

Dwar il-Kodiċi Kriminali nixtiequ ngħidu wkoll li peress li ma hemmx ħafna emendi dawn jiġu ppubblikati 'l quddiem.

**INDOOR GAMES FIL-CANTEEN**

Il-Kumitat tal-Canteen ħa ħsieb iġib xi tagħmir biex ikun hemm aktar 'indoor games' fil-canteen għal waqt il-ħin tal-mistrieħ. Il-Pulizija ta' Tas-Sliema għoġobhom jisilfuna Table Tennis u inxtraw Draughts u indoor games simili. Hemm il-ħsieb li ssir Darts Board oħra fil-kuritur. Nappellaw lil dawk li jagħmlu użu minn dan it-tagħmir biex jibżgħu dejjem għall-affarijiet.

# IXTRI L-KODICI KRIMINALI




TKOMPLI MINN P.I

Fost id-diżonestajiet il-kbar hemm dik tal-malafama. Għal ħafna aħjar tieħdilhom flushom milli ttebbalhom il-fama sabiħa li jkollhom. Sfortunatament ahwn nies li dejjem lesti biex jiġbdu u jqasqsu fuq ħaddieħor. Dawn in-nies bla kuxjenza, għaliex għandhom ukoll kuxjenza, jaslu biex jiġbdu u jqasqsu fuq kulħadd anke fuq l-istess sħabhom. Iżda l-vili hija li dawn in-nies diżonesti tarhom ifittxu li jiġġustifikaw ruħhom billi jgħidu li lilhom ukoll hemm min iqasqas fuqhom u jpinġihom ħażin u koroh għalxejn b'xejn — imsieken! Hawn ukoll min iħobb ixerred il-velenu bi kliemu. Il-bniedem jeħtieġlu jrażżan ilsienu għax jekk jilħaq jixħet il-velenu dan ma jkunx jista' jreġġgħu lura. B'velenu nfhmu sew kliem li jweġġgħa fil-wiċċ kif ukoll kliem ieħor minn wara dak li jkun. Kliem bħal dan jagħmel ġrieħi koroh li jdumu biex ifiequ u ġieli ma jfiequ qatt.

Minn naħa l-oħra, min hu onest ma għandu qatt ipatti azzjoni ħażina b'oħra ħażina. Ħadd ma għandu jagħmel bħat-tfal — dawn ipattuha lil xulxin u jgħidu min beda u li jibqa' sakemm ipattiha lil ieħor — dawn vavati. Meta wieħed ma jpattix azzjoni ħażina ma jkunx qed jagħmel xi ħaġa li jagħmluha biss il-Qaddisin. Hu obbligu ta' kull nisrani li ma jagħmilx azzjonijiet ħżiena lanqas meta jirċevihom.

Id-diżonesta, fuq kollox, hija kull ħaġa li ma ssirx skond il-kuxjenza tal-bniedem. Kif għidna kulħadd għandu kuxjenza u ta' xejn wieħed jipprova jinħeba wara subgħajh u jgħid li ma għandux kuxjenza jew li l-kuxjenza ma tniggżux meta jagħmel il-ħażen. Minn jipprova wara li jagħmel il-ħażen joqgħod bil-kuxjenza.kwieta huwa diżonest. Il-kuxjenza ma tista' tkun qatt kwieta meta wieħed jagħmel il-ħażen u għal xejn jipprova iġebbed.

Rajna min hu onest u min mhux. X'inhuma l-kwalitajiet sbieħ li għandu jkollu min hu onest u x'inhuma l-kwalitajiet ħżiena tal-bniedem diżonest. Int ma min poġġejt lilek innifsek? Jekk inti ħati ma tistax titfa l-ewwel ġebla, iżda tista' tirranġa ruħek.

# SINGER

## the practical way to save money




Available at the Singer
Sewing Centres: Valletta;
Sliema; Birkirkara; Hamrun;
Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo
and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble

# IL-ĦTIEGA TAL-LEADERS

L-EWWEL PARTI

Minn Dun Karm Fenech

Din hija l-ewwel parti ta' artiklu ta' Dun Karm Fenech S.J., Direttur tat-Teenagers Correspondence Club, dwar il-ħtieġa tal-leaders.

Id-dinja tmur tajjeb meta jkollha min imexxiha tajjeb, meta jkollha leader jinqala'. Fi kwalunkwe grupp jeħtieġ li jkun hemm xi ħadd li jmexxi, tajjeb jew ħażin. Jekk ikun tajjeb imexxi għat-tajjeb, jekk ikun ħażin imexxi għall-ħażin. Jekk ikun bla għaqal iħarbat u jkisser, jekk ikun bil-għaqal u ġenwin jibni u jġib il-progress fil-għaqda, fil-moviment, fin-nazzjon skond fejn ikun leader.

Il-leader mhux dak li jħobb jikkmanda, mhux dak li jagħmel l-arja u jbeżża', mhux dak li jħobb jidher u jiżżattat. Iż-żatat tneħħilu l-pružunzjoni jispiċċa fix-xejn, u l-"bully" ħadd ma jħobbu, forsi jobduh għax jibżgħu minnu, imma ħadd ma jġerrgħu f'qalbu. Il-"bully" jekk ma jsibx min jiqaflu jirkeb lill-oħrajn u jasarhom taħtu u jekk jaħtaf ċertu poter f'idu jsir dittatur. U kapijiet li huma dittaturi ssibhom, kemm bħala kapijiet ta' nazzjon u kemm bħala presidenti ta' għaqdiet u clubs u movimenti.

Il-leader kulħadd ifittxu, josservah u jisma' kelmtu bla ebda sforzi. Il-leader ma jiftaħarx, ma jikkmandax, ma jordnax, imma jagħraf il-ħtieġa u jmidd idu u warajh imidduha l-oħrajn kollha. Il-leader iżomm għajnejh miftuħa għal kulma jiġri madwru, jara u josserva kollox, imma ma jwissix għal kull nuqqas li jara. Għall-kuntrarju hu jaf jagħlaq għajnejh għal ħafna nuqqasijiet, jaf jagħder u jistabar għax jifhem in-natura umana. Il-leader jaf ifaħħar lil min ħaqqu u jaf jagħmel kuraġġ lil min hu dgħajjef.

Id-dinja dejjem kellha leaders li mexxewha. Meta kienu leaders ġenwini mhux biss ġibdu n-nies warajhom imma għamlu ġid lil pajjiżhom. Hitler ġibed nies warajh, imlihom bl-entużjażmu u tqabdu għalih, imma farrakhom. Churchill meta kellem lin-nazzjon fi żmien il-gwerra, meta kollox kien jidher mitluf u fil-fatt kien mitluf, bi kliemu kien kapaċi jqanqalhom ħa jiġġieldu u jsofru, ħa jżommu sa l-aħħar.

"Aħna niġġieldu fuq ix-xtut," qalilhom, "niġġieldu fuq l-art, fl-għelieqi u fit-toroq, aħna qatt ma nċedu." Kliem li qanqal lill-Ingliżi kollha ħalli jagħmlu ħilithom kollha għar-rebħa. U ma qagħadx jomgħod il-kliem. Żied igħidilhom: "Ma għandi xejn x'noffrilkom ħlief dmija, dmugħ, tbatija u għaraq."

Anki meta l-ideal ikun iebes, meta jkun għoli ħafna, l-entużjażmu tal-leader jagħmlu attraenti. Hu lil San Franġisk d'Assisi. Neża' ħwejġu u libes xkora. Halla ġidu u dar missieru u ġibed warajh ħafna oħrajn imħaġġa bl-istess ideal. U ġibed mhux biss irġiel imma anki nisa li mxew warajh fit-triq tal-faqar u tat-tbatija, fiċ-ċaħda tad-dinja u l-pjaċiri tagħha.

Il-leader jifhem il-psikoloġija tan-nies. Hu Napuljun kif ġennen is-suldati warajh hekk li kienu lesti jitqabdu għalih kull fejn ikun. Waslu sar-Russja fis-silġ u l-ġelu, bil-ġuħ u bit-tbatija u kienu jħossu ruħhom kburin li qed jitqabdu fl-armata tiegħu. Xi wħud min-nies ta' madwaru kienu jikkritikawh u kienu jgħidulu li hu jgħaddi ż-żmien bin-nies u jittrattahom ta' tfal għax kien jagħmihom bil-midalji. Kien ħoloq il-Legion d'Honneur u kien jagħti l-midalji lil min kien ħaqqu. Kien jifhimha tajjeb il-psikoloġija tas-suldati tiegħu u serqilhom qalbhom.

Fi żmienna Mother Tereża qed iġġennen lil kulħadd bl-entużjażmu tagħha għall-kawża u l-ideal li daħlet għalih. Ebda tbatija ma hi kbira, ebda sforz li ma jintegħlibx.

Kristu, li kien leader kbir u li kien jifhem ferm in-natura umana, għax kien Missieru li sawwarha, lill-appostli ġibidhom warajh u għamilhom sajjieda tal-bnedmin, jiġifieri leaders tal-oħrajn billi ffurmahom bil-mod il-mod. Ħa paċenzja bihom kemm felaħ. Mhux dejjem fehmuh; kultant kienu qieshom tfal żgħar, jiġġieldu min se jkun l-ikbar fosthom. Ma ċanfarhomx, ma għajjatx magħhom. Meta Pietru naqas u naqas bis-sħiħ, kienet biżżejjed ħarsa biex refgħu min-nuqqas tiegħu. Meta ulied Zebedew urew ruħhom bla sabar mal-għedewwa tagħhom, b'ċajta kkoreġihom u sejħilhom 'ulied ir-ragħad'.

L-ideal li poġġielhom quddiemhom kien tqil, iebes u kontra n-natura. Sejħilhom imberkin jekk jippersegwitawhom u jaħqruhom. Riedhom imorru bla sold fil-but. Ried imur fil-perikolu u jitla' Ġerusalemm kontra l-parir li tawh u avolja fil-periklu marru warajh. Ma setgħux idawwruh u allura qabeż Tumas u qal lil sħabu: "Mela mmorru aħna wkoll u mmutu miegħu". Sa hawn jasal il-leader. Ma mitux dak innhar imma kollha mietu martri u saru kolonni tal-Knisja.

Hawn wieħed irid jagħmel differenza bejn leader u kap. Mhux kull min ikun kap ikun leader. Leader jista' jkun l-iċken wieħed fil-grupp. Kap min tqiegħed fuq l-oħrajn, kapaċi u mhux biex immexxi. Imma hu meħtieġ li l-kap ikun leader u ħafna gruppi u għaqdiet għalhekk qatt ma jimxu 'l quddiem għax ikollhom kap bla ma jkollhom leader. "Is-siġġu jmexxik", soltu jgħidu, jiġifieri li la tkun tikkmanda tidra kif għandek timxi imma li tkun taf timxi ma jfissirx li inti taf tmexxi u kapaċi tmexxi; is-siġġu jkun imexxi lilek flok inti tmexxi lill-oħrajn.

Min jaħseb li leħaq leader biex ikollu min jaqdih u jgħinu jagħmel l-ikbar fjask, u l-ħidma tiegħu tfalli. Xogħol il-leader huwa li juri t-triq. Hafna drabi ma jkunx hu biss li jaf liema hi t-triq imma jkun hemm oħrajn li jafu u jafu tajjeb, imma ma jkollhomx l-entużjażmu u l-kuraġġ li jgħaddu minnha. Xogħol il-leader hu li jħeġġeġ u jqanqal ħalli l-oħrajn jgħaddu minnha u tarah għaddej l-ewwel wieħed hu, hekk li warajh jiġbed lill-oħrajn bla ebda biża'.



# BRITANNIA rules Valletta



**The Britannia Restaurant is ideal for a quick lunch during your mid-day break.**

**The Britannia is superb as a dinner venue in the evening.**

**The Britannia gives you real value for money.**

St. Lucia Street, Valletta. Tel: 625761

# IL-PULIZIJA 'L-ewwel Ghajnuna'

Minn WALTER CAMILLERI

Il-ħajja tal-bniedem minn dejjem kellha l-"ups and down" tagħha. Il-ħajja tal-bniedem tirrifletti ġrajjiet sbieħ u koroh. U dan tixhdu l-istess storja. Il-miżien li bieh niżnu ġrajjiet il-bniedem fih ukoll żewġ kefef. Waħda tiżen l-oħra. Is-sabiħ jiżen l-ikrah. Il-bniedem, li kontinwament jgħaddi minn keffa għall-oħra, mhux dejjem, anzi, iktar iva milli le, ma jitgħallimx mill-esperjenza tiegħu u ta' ħadd-ieħor.

Il-bniedem tul ħajtu dejjem sab l-iebes. L-iebes fil-ħajja seta' ġie jew jiġi permezz tan-natura u allura ma tantx kellu jew għandu kontroll. Jista' jiġi wkoll permezz ta' deċiżjonijiet meħuda mill-bniedem. Nitkellmu mill-iebes tan-natura, il-bniedem ma jistax iwaqqaf dik il-forza tremenda u kultant bla mistennija. Imħabba f'hekk, ibgħati l-ġuħ, il-faqar, il-firda u saħansitra l-mewt. Mill-banda l-oħra jekk nitkellmu minn ċerti deċiżjonijiet jew imġieba tal-bniedem, narawh li kważi jġarrab l-istess konsegwenzi oriġinati minn effetti naturali. F'dan il-każ, kieku l-imġieba tal-bniedem tkun aħjar, tkun aktar raġonevoli, allura jitnaqqsu ferm il-konsegwenzi.

Meta jinħoloq każ jitwieldu l-konsegwenzi. Mhux il-konsegwenzi kollha jistgħu jiġu kkontrollati, għax il-gravita' ta' kull waħda tvarja minn oħra. Fid-dinja tal-Pulizija, niltaqgħu ma' dan l-imbierek, issa fuq ħaġa u għada fuq oħra. Issa jikkumbatti l-konsegwenzi ta' xi kawża naturali u l-għada narawh imdaħħal f'xi ċirkostanza, prodott tal-bniedem. Narawh mill-pulizija waqt mard fil-pajjiż u f'xi diżastri naturali oħra. Niltaqgħu miegħu f'xi traskuraġni ta' xi wħud, fi glied, fi strikes u oħrajn. Minbarra naturalment ix-xogħol proprju tiegħu.

Jekk wieħed jgħarrex u jgħarbel l-iżvilupp soċjali u amministrattiv tal-korp tal-Pulizija ta' Malta, minn mindu twaqqaf fl-1814 sal-lum, għandu josserva, illi f'dawn il-mija u erbgħa u sittin sena, il-Pulizija ta' Malta ma qdietx biss ix-xogħol esklussivament tagħhaa, jiġifieri ż-żamma tal-paċi u l-ordni pubblika u t-tħaris tal-persuna u l-proprjeta' imma qdiet ukoll xogħol ieħor — konsegwenza ta' xi kawża — li faċilment nifhmu seta' twettaq minn ħaddieħor, kieku prattikament seta'.

Li taqdi d-doveri ta' Pulizija hu diġa' biżżejjed. Il-Pulizija għandha għalqa kbira u ġmielha x'taħrat fil-kamp tagħha stess. Ċerti ċirkostanzi li jinqalgħu minn żmien għall-ieħor, u li kultant ma jkunx previsti, jġibu l-awtorita' f'qagħda antipatika. Qagħda li f'dak il-ħin taċ-ċirkostanzi tkun trid tiddeċiedi x'għandu jsir. Biex tiddeċiedi malajr imma biex twettaq dak li tiddeċiedi mhux dejjem faċli. Aktar u aktar jekk dak li jiġi deċiż ikun ħażin jew mhux prattikabbli.

Tkun matur f'dik li hi amministrazzjoni jfisser, li jkollok is-setturi kollha ta' l-istess amministrazzjoni jaħdmu u jaħdmu tajjeb. U li f'każ li xi waħda jew iżjed mill-fergħat tal-amministrazzjoni ma tiffunzjonax tajjeb jew tieqaf taħdem, allura, jkollok l-alternattiva mħejjija biex dak is-servizz għal komunita' ma jieqafx. Nifhem ingħid li ftit huma dawk l-amministrazzjonijiet li f'każ li jiġi mwaqqaf xi servizz, iħaddmu l-alternattiva mal-għafsa tal-buttun.

L-alternattiva hi 'l hekk imsejħa "L-Ewwel Għajnuna" jew aħjar "Servizz ta' Emerġenza" li kull awtorita 'tipprovdi sakemm jerġa' jiġi għan-normal dak is-settur jew fergħa li tkun naqset. Il-frażi "Servizz ta' Emerġenza" smajniha kemm-il darba. L-interpretazzjoni tagħha hi waħda wiesa' ħafna. Fiha u biha jingħalqu bosta bibien u jinfetħu oħrajn. B'dan is-servizz nifhem li xi *ħadd* irid jagħmel xogħol ħadd-ieħor malajr jew jgħin lil ħadd-ieħor, sakemm jiġi għan-normal dak is-servizz li jkun qed jaħdem ħażin.

Is-sitwazzjonijiet jistgħu jvariaw kif rajna, minn katastrofi naturali u bla mistennija sa azzjonijiet oħra ikkaġunati mill-bniedem. Aħna l-Maltin ngħidu li: "Għal kull ħatba ħawn mannara" u li "Kull xema għandha gandlier". U appuntu għalhekk hemm is-servizz ta' emerġenza. Dan is-servizz jidħol għalih minn ta' l-ewwel, il-Pulizija. Ix-xema huwa s-servizz ta 'emerġenza u l-gandlier huwa l-Pulizija.

F'bosta okkażjonijiet il-Pulizija (f'Malta u barra) libset il-libsa ta' ħadd-ieħor. Libset il-libsa ta' dak li jkun fuq azzjoni u libset ukoll il-libsa ta' xi ħadd biex miegħu (tgħinu) jwettqu dak ix-xogħol rikjest. Dan ix-xogħol kif għidna jsir f'isem u bil-barka tas-Servizz ta' Emerġenza — L-Ewwel Għajnuna. Għax kif għidna wkoll l-interpretazzjoni hi wiesa' ħafna. La qegħdin insemmu l-Pulizija u l-Ewwel Għajnuna, qabel ma mmorru 'l quddiem bis-suġġett tagħna, nagħtu ħarsa lura għal ftit u naraw f'liema ċirkostanzi twieled il-Korp tal-Pulizija ta' Malta fl-1814.

Jekk inħarsu lejn l-istorja ta' Malta insibu li fl-1813 feġġet f'Malta l-misħuta marda tal-pesta. Din il-marda għamlet xallata sħiħa fostna u kaxkret magħha kemm sabet nies. Fid-dinja ta' dak iż-żmien ħadd ma kien attrezzat biżżejjed għal marda bħal dik. Immaġinaw povra Malta mija u erbgħa u sittin sena ilu!!!

L-amministrazzjoni Ingliża kienet ilha f'Malta tlettax-il sena biss. Kollox kien għadu kważi kif ħallewh il-Kavallieri u l-Franċiżi. Fl-1813 Thomas Maitland kien jiddeerieġi f'Malta f'isem il-Kuruna. Mal-ħatra tiegħu beda jorganizza l-pajjiż. Maitland, li iltqajna miegħu fl-artiklu ta' M.M.T., kien bniedem li jaf xi jrid u jaf x'għandu jagħmel. Mal-wasla tal-flaġell qerriedi, il-pesta, ta spinta s-Sanita u d-dipartiment tal-Korantina, żewġ dipartimenti involuti direttament, li f'dak iż-żmien kien għadhom bil-fisqija. Marda bħal dik riedet kumbattiment deċisiv.

Iż-żewġ dipartimenti li semmejna ma kienx possibbli għalihom li jwettqu xogħolhom sewwa u bl-akbar effiċjenza. Maitland beda jdur fuq ħadd-ieħor, Dwana, Knisja u uffiċini oħra tal-Gvern. Milli jidher ma

TKOMPLI P.17

# magimix

THE FOOD PROCESSOR
by
ROBOT COUP




Magimix the most revolutionary cooking aid to appear on the market.
Magimix the only domestic appliance which does all the functions of a food mixer, mincer, shredder, slicer, liquidiser, and juice extractor.
Magimix-minces, chops, grates, slices, purees, mixes, blends, and liquidises.
Magimix makes pates, soups, mayonnaise, cakes, pastry and dough. All this simply and efficiently in seconds without any noise.
Magimix — an undisputed bargain

Available from

**medairco**

*Valley Road Msida Tel: 41361*

# KONT TAF...?

Kont taf li fl-imgħoddi l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu jingħataw medalji għas-servizz li kienu jagħtu lil pajjiżhom. Illum se nippublikaw ir-regolamenti dwar il-"Long Service And Good Conduct Medal" u 'l quddiem nitkellmu dwar l-oħrajn. Tgħid għad naraw xi ħaġa simili fil-ġejjieni?

The following regulations have been issued by the Secretary of State for the Colonies and will come into effect on 1st November 1921. Authority Government Notice 284 dated 1.11.21.

### RULES FOR SELECTION

1. The Long Service and Good Conduct Medal is a reward for "Long service with irreproachable character and conduct" in the Malta Police. The Commissioner must, therefore, take charge to recommend only such Non-Commissioned Officers and Constables who are in every way worthy of this distinction, and who fulfil the conditions prescribed hereinafter as requisite for an "exemplary character". Even when a Non-Commissioned Officer or Constable is eligible both in these respects, and by length of service (18 years), regard will be had to his conduct and character throughout his career, and to the number and nature of the offences recorded in his defaulter sheet, irrespectively of the punishments which may have been awarded. The period of 18 years may be reckoned to commence at any period within two years from the date of joining.

### QUALIFYING SERVICE

2. (a) No other service except actual service as an attested policeman in the Malta Police will be reckoned as qualifying service for the award of this medal. Former Naval, Military or Civil Service will not count.

(b) Officers of the Malta Police of the rank of Sub-Inspector or higher rank will not be eligible for the award of this medal unless they completed 18 years service as a Constable or Non-Commissioned Officer before being appointed Sub-Inspector.

(c) Except as provided in para. (d) of this article the Long Service and Good Conduct Medal will not be awarded to men who have already left the Force.

(d) Should a member of the Malta Police be discharged and subsequently rejoin, his former period of service may be reckoned as qualifying service providing the break in his service did not exceed six calendar months.

### MEN FULFILLING REQUIRED CONDITIONS

3. Officers will bring to the notice of the Commissioner any men who fulfil the conditions required; but they are to explain to the men that the mere fact of having the conditions gives no claim to the medal.

### RECOMMENDATIONS REQUIRED CONDITIONS

4. Recommendations for the Long Service and Good Conduct Medal will be submitted to the Governor in all cases by the Commissioner accompanied by certified copies of (a) the defaulter sheet for the whole of the Non-Commissioned Officer's or Constable's service, (b) the record of service, and (c) if he has been convicted by the Civil power, a certified copy of the conviction.

### DELIVERY OF GOOD CONDUCT MEDAL

5. The Medal if granted will be delivered to the Non-Commissioned Officer or Constable at a review order parade.

6. An "exemplary" character will only be given to a Constable who has served for six years or longer, and who has either had no entry in his defaulter sheet, or who having served not less than twelve years, has been clear of the defaulter sheet for the last ten years. Admonitions will not count as an entry except in cases of drunkenness. Although a man may fulfill the above conditions, he will not be granted an "exemplary" character unless the Commissioner considers him deserving thereof.



Ejja ha tghaddili l-uniformi, ghax ghada dahluni xoghol!

# APPRECIATION

**This letter was sent by the Master of the M.V. "Monarch" Charles B. Anderson:**

**Sir,**

**I would like to express my appreciation to your organization for the prompt response to the situation abroad the M.V. "Monarch" on the 17th July 1978 and to single out the two young men, P.C. J. Caruana and P.C. A. Ciappara who came abroad the M.V. "Monarch" after a 30 mile voyage on the "Ceddar Creek".**

**These two men had their pump operating in a very short time after boarding the M.V. "Monarch". They conducted themselves in a very professional and efficient manner whereby curtailing what could have been a dangerous situation to vessel and crew.**

**In appreciation on behalf of Offshore Logistics International Inc., please accept our donation to your Police Benevolent Fund the sum of £200.**

# Il-Kulizjonijiet

MINN H.W. HARRISON

Barra mis-sistema tal-coordinates li tkellimna dwarha fil-ħarġa ta' Awissu hemm is-sistema l-oħra, jiġifieri dik imsejjħa tat-"Triangulation". Kultant ikun aktar aħjar li nużaw din is-sistema ta' l-aħħar b'mod speċjali f'każijiet bħal:

* Meta t-trufijiet tat-toroq ma jkunux ċari jew meta t-toroq ikunu mħarrbta.
* Meta jkollna bżonn nindikaw marki li jkunu aktar minn 10 metri 'l bogħod mit-triq.
* Meta t-trufijiet tat-toroq ma jkunux regolari bħal 'roundabouts, traffic islands, toroq bil-liewja fit-tond u postijiet fejn it-toroq jiltaqgħu u jingħaqdu.
* Meta l-postijiet li rridu nindikaw ikunu fl-għelieqi jew art li mhux maħduma.

Meta nużaw is-sistema tat-triangulation flok "reference lines" għandna nużaw marki li jissejħu "reference points". L-oġġetti jiġu ndikati billi nieħdu 'd-distanza minn żewġ marki' (ta' lanqas) ara Fig. 1-6. Dawn il-marki ħafna drabi jkunu oġġetti bħal:—

* kantunieri ta 'toroq jew bini;
* kaxxi ta' ittri, kjosks tat-telefon jew bibien ta' djar;
* marka taħt xifer it-triq faċċata ta' oġġetti fissi.

Il-kejl huwa faċli ħafna. Id-distanza ta' kull marka li rridu nistabbilixxu jridu jiġu mkejjla minn kull wieħed minn dawn iż-żewġ "reference points". Meta dawn jittieħdu jifformaw triangolu u din hija r-raġuni li s-sistema hija msejjħa "Triangulation". Ta' min igħid ukoll li trijangoli twal u dojoq ifformat minn "reference points" għal marka li għandha tiġi stabbilita' kif jidher (Fig. 1-7 u (Fig. 1-8) jagħmluha diffiċli biex tistabbilixxi l-lok sewwa.

Nistgħu wkoll nużaw is-sistema tat-triangulation u dik tal-coordinates flimkien u kultant dan ikun meħtieġ. Meta nagħmlu dan għandna nindikaw ir-'reference points" kollha u noqgħodu attenti li l-qisien kollha jkunu marbutin ma' xulxin kif jidher Fig. 1-9.

Il-kejl jista' jittieħed minn nofs ta' quddiem u ta' wara tal-vetturi kif jidher Fig. 1-10. Il-kejl jista' jittieħed ukoll mill-ġenb ta' quddiem u ta' wara tal-vettur kif jidher Fig. 1-11 u jkun hemm l-istess riżultati u f'inqas ħin.

Il-kejl jsir waqt li ma jkunx hemm ħafna traffiku. Dan jista 'jsir billi jsiru l-marki bil-ġibs ma' l-art u l-kejl jittieħed meta ma jkunx hemm ħafna traffiku. Wieħed għandu wkoll joqgħod attent meta jkun qed jieħu l-qisien li l-ewwel net ma jintlaqatx minn xi vettura u li l-vetturi ma jagħmlux ħsara lit-tape tal-kejl billi jgħaddu minn fuqhom jew itajjruhom. Wieħed ukoll għandu jiddeċiedi x'kejl hemm bżonn u jgħaddi biex joħodhom wieħed wara l-ieħor mingħajr ebda telf ta'



Fig: 1-6



Fig: 1-7



Fig: 1-8



Fig: 1-9






FIG 1-10

ħin u skomdu għat-traffiku.

Fl-aħħarnett ta 'min igħid li huwa ħafif li tkejjel distanzi malajr iżda tagħmlux ix-xogħol mhux sewwa minħabba l-għaġġla.




FIG: 1-11

# MALTA POLICE REGULATIONS 1960

In exercise of the powers conferred by Sections 4 and 9 of the Police Ordinance, the Prime Minister has made the following regulations:—

1. These regulations may be cited as the Malta Police Regulations, -1960.

2. In these regulations, unless the context otherwise requires: —

"the Commisisoner" means the Commissioner of Police;

"the Force" means the Malta Police Force;

"these Islands" means the Island of Malta and its Dependencies;

"member of the Force" means any person serving in the Malta Police Force, other than the Commissioner or the Acting Commissioner;

"prisoner" means any person in any legal custody or detention whether sentenced, or awaiting warrant or order.

4. A candidate for appointment as a constable in the Force must —

(a) have attained eighteen years of age, and in the cast of a man, not be above the age of thirty years and, in the case of a woman, not to be above the age of twenty-five years;

Provided that, in the cast of a man who, on the 1st July 1978,: (i) was a member of the locally enlisted personnel of the British Services, the maximum age with respect to him shall be that of 35 years, or

(ii) was a member of the Admiralty Constabulary, Malta, the maximum age with respect to him shall be that of 45 years;

(b) be not less in height than, in the case of a man 1.70 metres, or, in the case of a woman, 1.63 metres.

(c) satisfy the Chief Government Medical Officer or his lawful representative for the purposes that he —

(i) is in good health;

(ii) is of sound constitution;

(iii) is able to read 6/6 with each eye or 6/6 with one eye and 6/9 with the other eye, or 6/6 with both eyes (binocular vision), without glasses, at a distance of 6 metres.

(iv) has no imperfection of the colour sense; and

(v) is medically fit in all respects, physically and mentally, to perform all Police duties;

(d) speak and write English and Maltese to the satisfaction of the Commissioner, and pass such education examination as the Commissioner shall prescribe;

(e) be of exemplary character;

4. (1) Constables shall be classified as Constable First Class, Constables Second Class, Constables third Class and Probationary Police Constables.

(2) A Probationary Police Constable shall serve in that capacity for a period of not less than one year; thereafter he may be on extended probation for such period as the Commissioner may, in each particular case, direct:

Provided that during the period of probation or extended probation, the services of any constable may be forthwith dispensed with at any time if the Prime Minister so directs.

(3) A Probationary Police Constable who has served his period of probation or extended probation may be appointed Constable Third Class by the Commissioner.

(4) A Constable Third Class who has served in that capacity for a period of not less than three years may be appointed Constable Second Class by the Commissioner.

(5) A Constable Second Class who has served in that capacity for a period of not less than three years may be appointed Constable First Class by the Commissioner.

5 (1) Sergeants shall be classified as Sergeants First Class, Sergeants Second Class an Sergeants Third Class.

(2) A Sergeant Third Class who has served in that capacity for a period of not less than three years may be appointed Sergeant Second Class by the Commissioner.

(3) A Sergeant Second Class who has served in that capacity for a period of not less than three years may be appointed Sergeant First Class by the Commissioner.

6. (1) Any member of the Force promoted to a rank not above Superintendent shall be on probation in the rank to which he is promoted for a period of not less than one year; thereafter he may be on such extended probation as the Prime Minister may direct.

(2) Where any member of the Force other than a Constable is confirmed in an appointment after having served a period of extended probation, his appointment shall be deemed to have commenced twelve months prior to the date of confirmation.

(3) If, during the period of probation or extended probation the Prime Minister directs that a member of the Force shall revert to the rank he held immediately before his promotion on probation, the seniority of such member in the Force shall be the seniority he would have held had he not been promoted on probation.

7. — Repealed —

8. (1) Any member of the Force may make written or oral representations upon any matter by which he considers himself aggrieved, and such representations shall, subject to the provisions of paragraph (2) of this regulation, be made through the ordinary chain of command.

(2) The Commisisoner, the Deputy Commissioner, the Assistant Commissioner or the Officer holding the appointment of Adjutant may grant permission for written or oral representations to be made direct to them by any member of the Force.

(3) In any representations made under this regulation no defamatory, insubordinate or undisciplined language shall be used.

CONT. ON PAGE 20


A Cheque Book makes it so much easier.
Bank of Valletta Limited, Malta
Branches throughout Malta and Gozo
The Bank next door.

**IL-PULIZIJA WKOLL ISSELLEM LIS-SUĊĊESSURI TA' SAN PIETRU**



**Mafkar funebri bl-aħmar fl-okkażjoni tal-mewt tal-Q.T. il-Papa Pawlu VI.**
**Tifkira fil-jum ta' luttu 6.8.78 — 14.8.78 fil-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.**

Nitolbu għal ruħ il-Papa Pawlu VI li miet fis-6 ta' Awissu. Kien Papa ta' Fidi, ta' Tama u ta' Mħabba. Kien Missier li għandna ħafna x'nitgħallmu minnu. Għatih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.

Il-Kardinal Albino Luciani huwa l-Papa l-ġdid. Għażel l-isem ta' Ġwanni Pawlu I. Minn dan nitgħallmu li bi ħsiebu jkun l-ekwilibriju tal-predeċessuri tiegħu Ġwanni XXIII u Pawlu VI. Nitolbu wkoll li Alla jżomm idejh fuqu f'dawn iż-żminijiet diffiċli li għaddejja minnhom id-dinja. AD MULTOS ANNOS.

# STOP PRESS

WARA LI MORNA GHALL-ISTAMPA THABBRET IL-MEWT TAL-Q.T. GWANNI PAWLU I NITOLBU GHAR-RUHU

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. tax-xahar ta' Ottubru kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Kuntistabbli Nru. 291 Roger Spiteri.



Ex-Kuntistabbli Nru. 193 John Meli;

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom.

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*



Fir-ritratt li qed nirriproduċu jidher il-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu I flimkien mal-Arċisqof Tagħna J. Mercieca u grupp ta' 32 abbatini Maltin li kienu jassistu għas-servizz liturġiku fil-Vatikan Awissu/Settembru 1978. Fost dawn l-abbatini hemm Tonio Caruana, it-tifel tas-Surġent 1068 A. Caruana.

# ANCHOR

## MALTA'S FAVOURITE BUTTER

**Trade Enquiries:**

## CROWN COLD STORES LTD.

**(inc. J & L MUSCAT) — Telephone 35842**

# TIP TOP

FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- AND LOTS MORE
- FANS

# TIP TOP

*your first and last choice*




F'Marzu li għadda tajna bidu għal Paġna Għan-Nisa f'dan il-magażin. Għamilna diversi sejħiet għal materjal għall-pubblikazzjoni u għalkemm ma kienx hemm dik ir-risposta mixtieqa, iżda dejjem irnexxielna nimlew din il-paġna. Il-bord editorjali studja l-ideja li jkollna wkoll Paġna Għat-Tfal fil-magażin tagħna, iżda sibna d-diffikultajiet tal-ispazju fil-magażin, għaldaqstant il-bord editorjali ddeċieda li għalissa nibdew nagħmlu f'ħarġa Paġna Għat-Tfal u f'ħarġ'oħra Paġna Għan-Nisa.

### WARA L-VAGANZI

Tfal, meta taslilkom din il-ħarġa tal-Magazine, tkunu qegħdin tippreparaw biex tirritornaw lura lejn il-bankijiet tal-iskola, wara xhur ta' vaganzi. Tiltaqgħu ma' surmastrijiet ġodda u ma' tfal ħbieb oħra u tippreparaw għal sena oħra ta' studju u xogħol. Min jaf kemm iddevertejtu, speċjalment ħdejn il-baħar. Nispera wkoll illi ma kienx il-każ li qattagħtu x-xhur kollha tassajf tiddevertu biss iżda wżajtu xi ftit mill-ħin liberu tagħkom għal xi studju ħafif biex tibqgħu "in touch" mal-istudji li kellkom qabel waqfet l-iskola. Ta' min hawn ifakkarkom, tfal, fis-sagrifiċċji li l-ġenituri tagħkom jagħmlu biex jgħinkom fl-istudji tagħkom ħalli tkunu aħjar milli kienu huma, biex titgħallmu dejjem aktar u biex titilgħu ċittadini tajba. Kull ma jistennew minnkom huwa li turu interess u serjeta' f'dak li tagħmlu biex l-isforzi tagħhom ma jkunux għal xejn. Għalhekk nispera li dejjem tagħmlu aktar mill-aħjar. Dan ma jfissirx illi ż-żmien skolastiku tagħkom għandu jkun biss studju u homework. Għandu wkoll ikollkom ħin għal divertiment u sport li jgħin għal saħħitkom u għal formazzjoni tal-karattru tagħkom. Wara li tużaw ħin tajjeb għall-homework u studju wara sibu wkoll ħin għarrikreazzjoni li wkoll għandkom bżonn.

Tfal, forsi tgħidu li din l-ewwel paġna ma kien fiha xejn ħlief diskors u suġġerimenti. Dan kellu jsir bilfors biex nagħmlu l-ewwel kuntatt. Pero' nwegħdkom illi fil-ħarġiet li ġejjin, il-paġna tkun ferm varjata u nformattiva u għalhekk aktar interessanti. Materjal għandi aktar minn biżżejjed u jridu jgħaddu s-snin biex dak li għandi nużah. Għalhekk infakkarkom biex tibgħatuli suġġerimenti dwar dak li tixtiequ f'din il-paġna u żgur nikkuntentakom.

'Il quddiem beħsiebni nwassililkom informazzjoni dwar Nies Kbar Magħrufa, Għeġubijiet tad-Dinja, Ġeografija, Storja ta' Malta, Natura, Ħxejjex u Nsetti, Karrieri li intom għad trid taqbdu 'l quddiem, Quizes, Ċajt, xi Crossword u anke xi forma ta' Kompetizzjoni bil-Premju.

Sakemm niltaqgħu f'ħarġa oħra tal-Magazine, inselli għalikom u nixtieqilkom kull ġid.

### KOMPETIZZJONI GHAT-TFAL

F'April li għadda għamilna kompetizzjoni għat-tfal iżda l-konkorrenza kienet żgħira ħafna għaldaqstant qed inġeddu din il-kompetizzjoni li d-dettalji dwarha jidhru fil-ħarġa ta' April 1978 (paġna 3).



Pa int ħadtli r-radio?

Għeżież Tfal,

Meta l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ddeċidiet li toħroġ dan il-Magazine, kellha l-ħsieb illi barra milli ssemma' leħinha, iżżomm l-għaqda fost il-membri tal-Korp, li ħafna minnhom huma l-missirijiet tagħkom, ħutkom u qrabatkom. Aktar tard, id-diriġenti tal-Magazine, minbarra l-paġna sportiva li tilħaq lill-parti l-kbira ta' l-irġiel, ħasbu wkoll għall-paġna għan-Nisa, għaliex ħassew li anke dawn kellhom ukoll x'jinteressahom f'dan il-Magazine. Għalhekk jiena dehrli li biex dan il-Magazine tagħna jkun verament jilħaq il-membri kollha tal-familja, kien jonqsu rokna dedikata għalikom it-tfal. B'hekk nispera illi l-Magazine jikber fl-interess u ma jkunx il-każ li jinqara mill-irġiel u jitħalla fuq il-post tax-xogħol iżda minħabba l-paġni tan-Nisa u tat-Tfal, jittieħed fid-Djar għaliex il-membri kollha tal-familja jkollhom x'jinteressahom. Dan kien l-ewwel ħsieb tiegħi.

Ħsieb ieħor ferm importanti li ħajjarna nibda din il-paġna jolqot lilkom direttament. Irrid li din il-paġna ma tkunx biss skop ta' divertiment iżda,

Din kienet speċi ta' introduzzjoni għal din il-paġna.

Naħseb li ftiehmna u nistenna li ħafna minnkom jiktbuli.

Ibagħtu l-ittri tagħkom lill-"Paġna tat-Tfal", Il-Pulizija, Association Room, General Police Headquarters, Floriana.

tkun mimlija tagħlim u informazzjoni li jkun sewi għalikom kemm għall-istudji tagħkom kif ukoll għall-ħajja li għad tridu taqbdu 'l quddiem. Irrid ngħid mill-ewwel illi mhux faċli għal wieħed kbir jikteb għat-tfal għaliex ħadd daqs it-tfal ma jista' jgħid dawn x'jistennew. Għalhekk biex din il-paġna tkun verament tagħkom, nistidinkom li tiktbuli kmieni u tgħiduli intom stess x'tixtiequ li ssibu f'din il-paġna. Nixtieq ukoll illi barra suġġerimenti, tiktbuli wkoll fuq xi problema jew dwar xi informazzjoni li tkunu tixtiequ, ikun ta' liema ġeneru jkun u jien nagħmel mill-aħjar biex naqdikom. Jekk dak li tistaqsu ma jkunx fil-linja tiegħi, inġibilkom risposta mingħand esperti fil-qasam tad-domandi tagħkom. Din tkun taħt forma ta' 'QUESTION BOX'.




They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo Experts

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.



# ROADHOUSE BUSKETT

## presents NIGHTLY - INTERNATIONAL CABARET




**STEVE SABRE**
Balancing Act



**DUO STEFAN**
Cycling Act

☆ FOLKLORE GROUP every Wednesday

Book in advance to avoid disappointment Telephone 674233 — 626542

TKOMPLI MINN PAGNA 7.

setax jaqbad art. Kien hemm wisq trufijiet. Imma kien deċiż li ma jċedix, speċjalment quddiem il-marda tal-pesta tant, li ġiet ittrattata minnu bħala "Top Priority". Għalhekk insibu, illi waħda mir-raġunijiet għala twaqqaf f'dawk iż-żminijiet il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kienet, biex ikun hawn għaqda ta' nies taħt direzzjoni waħda biex tgħin fil-ħidma kontra l-mingħell qerriedi. Dan kien l-ewwel avveniment tal-Pulizija. F'dan l-istat ta' emerġenza twieled il-Korp fit-12 ta' Lulju 1814 u kif ġa rajna fil-ħarġa ta' dan il-magażin taxxahar ta' Diċembru 1977.

Il-pulizija ġiet imlibbsa fissura tagħha. Bosta fergħat ingħaqdu f'wieħed u dlonk ingħaqdu ma' ħaddieħor (Sanita) u miegħu iġġieldu l-ġlieda deċiżiva kontra l-marda. F'dan l-istadju ma għandniex xi ngħidu, mietu wkoll bil-pesta xi pulizija. Din il-ħidma intensiva u deċiżiva kienet immexxija mill-mexxej tal-Korp, il-Konti Franġisku Rivalora. Kien bniedem ta' determinazzjoni u dixxiplina kbira u Alla ħares ma kienux nies ta' dik l-istatura f'dawk iż-żminijiet, għax żgur li l-marda kienet tkompli tinfirex.

U nkomplu fejn ħallejna aktar 'il fuq. Insibu fl-ewwel ordnijiet tal-Pulizija, u dan konsegwenza tal-marda tal-pesta, li kien dover tagħhom li jagħmlu żjajjar fil-ħwienet ta' kull xorta: djar, toroq, imħażen, kantini u postijiet oħra. Għaliex? Kien regolament li bih setgħu b'xi mod jikkontrollaw il-marda fl-interess tas-saħħa pubblika. Huma kienu jirrappurtaw kull nuqqas sanitarju li jiltaqgħu miegħu u wara jittieħdu l-passi meħtieġa. Is-saħħa pubblika sabet solliev kbir b'dan ir-regolament. (Illum dan ix-xogħol isir mill-Ispetturi Sanitarji tad-Dipartiment tas-Saħħa). Minħabba dan ir-regolament fl-14 ta' Marzu, 1818 il-Log. Gvernatur ħabbar illi:— 'L-inkarigu u d-direzzjoni għal knis u ġbir ta' żibel mit-toroq tal-Belt Valletta u Floriana, b'seħħ mill-15 ta' Marzu, 1818 u tal-Ibliet tal-Kottonera, b'seħħ mill-1 ta' April, 1818, kellu jsir mill-Pulizija." Il-kliem eżatt huwa "l-incarico e la sopraintendenza". Dan għaliex il-kuntratt dwar ġbir ta' żibel ġie abolit. Allura inħolqot ċirkostanza u kienet meħtieġa l-alternattiva. U ż-żibel jidher li belgħuh il-Pulizija.

Bil-kelmiet "inkargu u direzzjoni" ma rridx nifhem għal mument li fil-fatt kinsu u ġabru ż-żibel mit-toroq tal-Belt, il-Pulizija. Imma, l-avviż maħruġ igħid espliċitament hekk: ......dal quale periodo l-incarico e la sopraintendenza di questo dovere sarà devoluta alla polizia sotto certi regolamenti e stabbilementi di pubblicarsi dal deputato ispettore generale di polizia colle sanzione del governo". L-ordni kienet ċara u tonda, ma hemmx ma x'hiex iddur. Ma naħsibx li f'dawk iż-żminijiet il-Pulizija u s-Sanita' kienu attrezzati biżżejjed. L-eku tal-marda kien għadu jinħassu l-Pulizija daħlet għall-ġbir taż-żibel u xogħol ieħor. Illum, għalkemm ma hawnx mard ta' dik il-kwalita', it-toroq jinkinsu mill-kenniesa, ħaddiema bħalna.

Erbgħatax-il sena wara, u sewwa sew fit-23 ta' Jannar 1832 l-aġent Log. Gvernatur xejn ma ddarras u jerġa' jinvolvi lill-pulizija direttament fiż-żibel meta qal dan li ġej:- "The Deputy Inspector General of police has received instructions to see that all such receptacles be walled up, and that the sweeping of houses be collected in baskets and brought to the street door, from which the contents of the baskets WILL BE TAKEN AWAY DAILY BY THE POLICE". Għandi nifhem li b'din l-ordni l-Pulizija nnifisha inqliet b'żejta kif se naraw.

Tajjeb li ngħidu li ġurnata wara, fl-24 ta' Jannar 1832, l-istess Log. Gvernatur ħabbar li b'seħħ mill-1 ta' Frar, ir-rank ta' Deputat Spettur tal-Pulizija kellu jispiċċa u minflok isir Maġistrat tal-Pulizija Eżekuttiva, bl-istess drittijiet u dmirijiet. Min jaf għaliex inbidel irrank? Forsi Irish Policy??

Intant, kif rajna diġa' l-awtorita' kienet għajnejha fuq is-Saħħa Pubblika. Għidna wkoll li sa mill-1818, il-Pulizija ġiet imġiela tagħmel żjajjar fi djar, toroq ecc. u tirraporta kull nuqqas b'detriment għas-Saħħa Pubblika. Milli jidher fl-1832 jew ma kienx hemm ko-operazzjoni mill-pubbliku biex iżomm l-indafa, jew ma kienx hemm min inaddaf biżżejjed speċjalment it-toroq jew inkella t-tnejn flimkien. Ġara għalhekk li nħolqot ċirkostanza oħra. Erġajna bil-ħmieġ. Jista' jkun ukoll li xammew xi marda oħra riesqa.

X'kienet l-alternattiva. Hekk qalet in-notifika:- "It appearing from an inspection lately made by the executive police that in many houses in the city of Valletta, a sort of cellar exists wherein all kinds of dirt, particularly the refuse of vegetables is deposited." U minħabba f'hekk, il-pulizija li osservaw il-ħmieġ fil-kantini, ġew imġiela, kif rajna aktar 'il fuq "JIĠBRU HUMA STESS IŻ-ŻIBEL KULJUM MIL-LANDI TAŻ-ŻIBEL MINN WARA L-BIBIEN TAN-NIES." Povri Pulizija. Kellhom ikunu huma l-ewwel għajnuna — l-alternattiva.

Sa issa iltqajna ma' żewġ okkażjonijiet fejn rajna l-Pulizija b'xogħol ieħor. Jiena talfehma li l-ordni tal-1818 kienet espliċita u għandi nifhem li wettqet dak ix-xogħol. Ma naħsibx li qagħdet tħares b'dha fuq żaqqa jew t'ordna. Dan nemmen fih għax it-tieni darba, fl-1832 reġa' kien hemm ordni oħra ċara u tonda. Nemmen li l-aħħar ordni ħarġet għax diġa' kien hemm preċedent u għalhekk ma ddarsux. La tikriha darba toqgħod għaliha.

Nittama li xi darba nkomplu b'dan is-suġġett. Ma nwiegħdx meta. Inkomplu nistudjaw xogħol ieħor li daħlet għalih il-Pulizija ta' Malta matul is-snin.

## RIZULTAT TAL-CROSSWORD

*Mimdudin:* 1 Kra'es; 5 Gamblu; 8 Ajjutant; 9 Lewż; 10 Rand; 13 Qolla; 14 Samba; 19 Stan; Roħs; 21 Kummenti; 22 Kavall; 23 Evviva.

Weqfin: 2 Roberto Betteqa, 3 Fraži; 4 Sajda; 5 Gravi; 6 Metru; 7 Leonid Breshnev; 11 u 12 Fantasma; 15 Ankra; 16 Ġemel; 17 Dante; 18 Ċriev.

### REBBIEĦA

A. Schembri
36, Imm. Conception Str., Qormi

P.S. 883 A. Dimech
P.S. 89 A. Magro




**DON'T LET** your ceiling get on top of you. Call **Marsa Plastics Ltd — the Suspended Ceiling Specialists** and walk tall. Not only will we put you a first class suspended ceiling on your head with the minimum of fuss and bother — but we'll leave you free to get on with other things while we do it. All you have to do is tell us what you want and when — we'll do the rest. Scaffolding, Labour, Materials — we'll supply the lot.

*Call the Specialists for Free Estimates*

*Marsa Plastics Limited*

*INDUSTRIAL ESTATE MARSA*

**TELEPHONE 621266 — 621267**

# vs....news...

## from the extremely successful Mazda 323

**More flexibility and a wide choice of models in the Mazda 323 range, the most popular of all Japanese cars.**



CONTINUED FROM PAGE 11.

9. — Repealed —
10. — Repealed —

11. (1) The Commisisoner may keep at the Police Headquarters a Mess for members of the Force not below the rank of Inspector styled "The Officers' Mess", and another mess for members of the Force below the rank of Inspector, styled "The Other Ranks' Canteen".

(2) Both the Officers' Mess and the Other Ranks' Canteen shall be managed in accordance with such directives as may be given by the Commissioner from time to time.

3) Membership of the Officers' Mess shall be compulsory and on subscription, procvided, however, that the subscription fee in respect of officers holding a particular rank shall not be increased without the consent of the majority of the officers of that rank. Membership of the Other Rank's Canteen shall be voluntary and on no subscription.

(4) The accounts of the Officers' Mess and the Other Ranks'- Canteen shall be audited annually by officers appointed for that purpose by the Commissioner.

12. (1) The Commissioner shall continue to maintain, for the general benefit of the Force, the fund, commenced in November, 1919, styled "The Malta Police General Fund", to which every member of the Force not below the rank of Inspector makes a contribution of 10 cents per month and to which every member of the Force below that rang contributes one five cents per month.

(2) All members of the Force who joined the Force after the 30th November, 1919, shall be deemed to be required to pay these subscriptions as a condition of their service.

(3) Any other funds of the Force, raised by subscription, shall be voluntary.

(4) The accounts of the Malta Police General Fund shall be audited annually by the Director of Audit.

13. Part I of the Regulations regarding the Reserve of the Police Force published by Government Notice No. 398 of 1935, concerning "Special Reserve", is hereby revoked.

## GHAT TA' MIN IFAHHRU

F'messaġġ maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija ġiet imfaħħra l-ħidma u d-dedikazzjoni għax-xogħol tal-Kuntistabblijiet 501 J. Galea u 1120 S. Sammut li bil-ħila tagħhom ġew solvuti diversi delitti ta' serq minn karozzi.

J'Alla jkollna aktar membri tal-Korp bħal dawn li semmejna biex bil-ħidma tagħhom inservu dejjem aħjar lis-soċjeta' biex din tħaddan il-Korp tal-Pulizija bħala l-ikbar ħabib.





## MILL-IMGHODDI

Dan ir-ritratt x'aktarx meħud fid-Depot tal-Belt Valletta juri l-Kummissarju F. Stivala flimkien ma fizzjali u membri oħra tal-Korp u grupp ta' rekluti fl-1927.

Il-membri tal-Korp bl-uniformi mix-xellug għal lemin huma: Is-Surġent Busuttil, l-RSM, William Palmer, l-Ispettur Ullo (li wara sar Kummissarju) il-Kummissarju Stivala, il-Kaptan E. Agius u l-Quarter Master Nicola Zammit.

